IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.3.2020
COM(2020) 112 final

ANNEXES 1 to 3

**ANNESSI**

***tal-***

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW, LILL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT, U LILL-GRUPP TAL-EURO**

**Rispons ekonomiku kkoordinat għat-tifqigħa tal-COVID-19**

**ANNESS 1 – L-IMPATT EKONOMIKU TAL-PANDEMIJA COVID-19**

Fil-previżjoni ekonomika interim tagħha tax-xitwa, maħruġa fit-13 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni Ewropea kienet ipprojettat tkabbir tal-PDG baxx fl-UE u fiż-żona tal-euro, ta' 1,4 % u 1,2 % fl-2020 u l-2021, rispettivament. Minħabba d-*data* limitata ħafna li kienet disponibbli dak iż-żmien, din il-previżjoni inkorporat xokk temporanju żgħir ibbażat fuq is-suppożizzjoni li l-pandemija kienet se tkun limitata għaċ-Ċina u li kienet se tilħaq il-quċċata tagħha fl-ewwel trimestru tal-2020, u b'hekk kien se jkollha riperkussjonijiet globali limitati ħafna. Il-previżjoni, madankollu, għamlet aċċenn għall-firxa tal-virus bħala riskju ta' ċaqliq 'l isfel sinifikanti għall-ekonomija globali u Ewropea.

Il-COVID-19 issa hija pandemija u s-servizzi tal-Kummissjoni pproduċew estimi ġodda tal-impatt ekonomiku potenzjali tagħha. Dawn huma xenarji stilizzati, u mhux previżjoni. Qed isiru bl-użu ta' suppożizzjonijiet aġġornati u tekniki tal-immudellar. Għandu jiġi misħuq li għad hemm ħafna inċertezza dwar il-kobor tal-impatt ekonomiku tal-kriżi, li fost l-oħrajn se jiddependi fuq il-firxa tal-pandemija u fuq il-kapaċità tal-awtoritajiet pubbliċi li jaġixxu malajr biex jillimitaw r-riperkussjonijiet tas-saħħa u ekonomiċi.

Ix-xenarju tal-każ bażi huwa msejjes fuq żewġ suppożizzjonijiet:

1) is-suppożizzjoni li bħala pandemija, il-COVID-19 se jkollha l-istess rata ta' mortalità u ta' morbidità madwar l-Ewropa u l-bqija tad-dinja abbażi tal-aktar stimi riċenti disponibbli. Dan huwa importanti: filwaqt li l-pass tal-firxa tal-virus mhuwiex uniformi madwar l-Istati Membri, billi bħalissa l-Italja hija l-aktar milquta, qed issir is-suppożizzjoni li maż-żmien l-Istati Membri kollha se jiġu affettwati sal-istess punt.

2) minħabba x-xejriet epidemjoloġiċi attwali madwar l-Istati Membri, hemm is-suppożizzjoni li r-restrizzjonijiet neċessarji, li jaffettwaw il-provvista u d-domanda tal-ħaddiema f'xi setturi (pereżempju l-ivvjaġġar, il-bejgħ, eċċ.) se jkollhom impatt akbar minn dak osservat fiċ-Ċina.

L-analiżi tagħmel distinzjoni bejn serje ta' kanali ta' trażmissjoni li minnhom il-COVID-19 se taffettwa l-ekonomija Ewropea. Dawn jinkludu (i) ix-xokk li jirriżulta mir-reċessjoni inizjali taċ-Ċina fl-ewwel trimestru tal-2020; (ii) ix-xokk fil-provvista għall-ekonomija Ewropea u globali li tirriżulta mill-interruzzjoni tal-ktajjen tal-provvista u l-assenzi mill-post tax-xogħol; (iii) ix-xokk fid-domanda għall-ekonomija Ewropea u globali kkawżat minn domanda iċken tal-konsumaturi u l-impatt negattiv tal-inċertezza fuq il-pjanijiet ta' investiment, (iv) u l-impatt tar-restrizzjonijiet tal-likwidità għad-ditti.


Il-kriżi tal-COVID-19 hija mistennija li se jkollha impatt ekonomiku detrimentali kbir ħafna fuq l-UE u fuq iż-żona tal-euro. L-impatt dirett mill-kanali kollha huwa stmat li se jnaqqas it-tkabbir tal-PDG fi prezzijiet kostanti fl-2020 b'2,5 punt perċentwali mqabbel ma' sitwazzjoni li fiha ma jkunx hemm pandemija. Minħabba li t-tkabbir tal-PDG fi prezzijiet kostanti kien previst li jkun 1,4 % għall-UE fl-2020, dan jimplika li jista' jaqa' għal ftit aktar minn -1 % tal-PDG fl-2020, b'irkupru sostanzjali iżda mhux komplut fl-2021.

Madankollu, xi wħud mill-impatti diretti fl-2020 jistgħu jiġu paċuti minn azzjoni politika f'waqtha u effettiva, li tista' ttaffi l-impatt negattiv fuq il-PDG fi prezzijiet kostanti. L-Istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri qed jintroduċu politiki biex itaffu l-impatt ekonomiku tal-kriżi. Il-miżuri ta' politika mhux se jkunu kapaċi jħarsu lill-UE mill-effetti negattivi tal-kriżi li ġejjin miċ-Ċina, u b'mod limitat ħafna, jekk xejn, mix-xokk min-naħa tal-provvista fuq ix-xogħol. Madankollu, dawn jistgħu jaqdu rwol importanti biex ipaċu r-riperkussjonijiet negattivi ġejjin minn domanda aktar baxxa mill-konsumaturi u minn kumpaniji b'likwidità ristretta. Flimkien, dawn il-kanali jirrappreżentaw ftit aktar minn nofs tal-impatt potenzjali

stmat fuq it-tkabbir, u għalhekk hemm kamp ta' applikazzjoni materjali biex dawn l-impatti ekonomiċi jittaffew. Kumplessivament, ix-xenarju tal-każ ta' bażi huwa li t-tkabbir tal-PDG fi prezzijiet kostanti fl-2020 se jkun ta' żero jew saħansitra sostanzjalment negattiv b'riżultat tal-COVID-19. Rispons ekonomiku kkoordinat tal-Istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri huwa essenzjali biex jittaffew ir-riperkussjonijiet ekonomiċi.

Xenarji aktar avversi, marbutin ma' impatt aktar fond tal-pandemija, ma jistgħux jiġu eskluži.

*Grafika 1. Impatt stmat tal-pandemija COVID-19 fuq l-ekonomija tal-UE: xenarju fl-2020:*




Sors: Il-Kummissjoni

**ANNESS 2 – MIŻURI NAZZJONALI RELATATI MAL-PRODOTTI U APPARAT MEDIĊINALI U MA' TAGĦMIR TA' PROTEZZJONI PERSONALI**

## 1. KUNTEST U ĦTIEĠA GĦAL APPROĊĊ KOMUNI

Il-kriżi tal-virus COVID-19 hija emerġenza tas-saħħa mingħajr preċedent. Tirrappreżenta theddida serja fil-livell globali, b'impatt kbir fuq l-Ewropa.

Hija r-responsabbiltà primarja tal-Istati Membri tal-UE li jieħdu l-miżuri tas-saħħa xierqa fil-kuntest tal-kriżi preżenti. Huwa kruċjali li kull miżura nazzjonali jkollha bħala l-għan ewlieni tagħha l-protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja umana, f'konformità mar-regoli tal-UE. Ir-regoli tas-suq intern jappoġġaw lill-Istati Membri f'dan ir-rigward billi jiżguraw l-effiċjenza, is-sinerġiji u s-solidarjetà Ewropea.

Is-suq uniku għat-tagħmir mediku u ta' protezzjoni personali huwa integrat profondament, u l-ktajjen tal-valur u n-netwerks ta' distribuzzjoni wkoll. Il-prodotti essenzjali jinkludu n-nuċċalijiet ta' protezzjoni, il-maskri, l-ingwanti, ġagagi u lbiesi[1]. L-organizzazzjoni tajba tas-suq ġenerali fil-provvista ta' prodotti kritiċi hija l-uniku mod li bih tiġi prevenuta l-iskarsezza għan-nies li l-aktar jeħtiġuhom – is-sistemi tas-saħħa pubbliċi u, b'mod partikolari, il-professjonisti fil-kura medika, l-iskwadri tal-intervent fil-post, u l-pazjenti.

Dan jeħtieġ rispons Ewropew. Il-Kapijiet ta' Stat u tal-Gvern Ewropej kollha impenjaw ruħhom għal dan u fil-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew wara l-vidjokonferenza tal-10 ta' Marzu 2020, taw il-kompitu lill-Kummissjoni Ewropea li tiċċentralizza l-analiżi tal-ħtiġijiet u li toħroġ b'inizjattivi biex tipprevjeni l-iskarsezzi. Irid jiġi żgurat li s-suq intern jaħdem sew u li kull ostaklu inġustifikat jiġi evitat, partikolarment fir-rigward tal-maskri u l-ventilaturi.

F'dan l-ispirtu, il-Kummissjoni diġà organizzat proċedura ta' akkwist għat-tagħmir ta' protezzjoni personali għal 20 Stat Membru taħt il-Ftehim ta' Akkwist Konġunt varat fit-28 ta' Frar 2020 u, soġġett għad-disponibbiltà fis-suq u r-rapporti mill-Istati Membri, tista' tvara aktar akkwisti konġunti.

It-tieni, flimkien mal-Istati Membri u l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, il-Kummissjoni waqqfet grupp ta' tmexxija eżekuttiv biex jimmonitorja l-iskarsezzi potenzjali tal-mediċini dovuti għall-COVID-19. Il-Kummissjoni qed timmonitorja s-sitwazzjoni wkoll fil-kuntest tal-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar l-Apparat Mediku (Medical Devices Coordination Group, MDCG) u s-sottogruppi tiegħu, pereżempju d-disponibbiltà u l-prestazzjoni ta' apparat dijanjostiku differenti u l-kooperazzjoni rigward approċċi nazzjonali differenti rigward it-testijiet dijanjostiċi. Finalment, qed jinżammu wkoll il-kuntatti mal-organizzazzjonijiet professjonali ewlenin tal-manifatturi u operaturi ekonomiċi, pazjenti, utenti eċċ.

It-tielet, il-Kummissjoni qed tanalizza l-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tal-produzzjoni meħtieġa fl-Ewropa, bl-għan li tiżgura li t-tagħmir protettiv u l-mediċini jkunu disponibbli fejn l-aktar jenħtieġu. Il-Kummissjoni qed tappoġġa l-industrija fl-isforzi tagħha biex tirreaġġixxi għal din is-sitwazzjoni eċċezzjonali.

[1] Dan l-apparat huwa rilevanti mhux biss għall-protezzjoni kontra l-COVID-19 iżda wkoll f'bosta oqsma oħrajn għall-professjonisti tas-saħħa fit-trattamenti mediċi (emerġenzi, mard kroniku, infezzjonijiet, l-onkoloġija, l-operazzjonijiet, il-kura personali, eċċ.) kif ukoll għall-professjonisti u l-utenti ta' attivitajiet industrijali u tal-idejn oħrajn (pereżempju il-protezzjoni ambjentali u t-trattament tal-iskart, proċessi kimiċi u bijoloġiċi, eċċ.).

Ir-raba', jistgħu jkunu meħtieġa miżuri biex jiġi żgurat li, fil-każ ta' skarsezza, it-tagħmir mediku u ta' protezzjoni personali jiġi merfugħ fis-suq u dirett lejn dawk li l-aktar jeħtiġuh. Jistgħu jkunu meħtieġa miżuri nazzjonali għal dan il-għan. Kull miżura nazzjonali ppjanata li tirrestriġi l-aċċess għat-tagħmir mediku u protettiv trid tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni, li min-naħa tagħha tinforma lill-Istati Membri l-oħrajn sabiex tippermetti li jsiru kummenti. Sabiex ikun possibbli rispons koordinat, il-Kummissjoni se tistabbilixxi Task Force konġunta. Il-Kummissjoni se tkompli wkoll tipprovdi l-koordinazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni, biex jiġu identifikati s-sinerġiji kollha meħtieġa u biex tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni effettiva u konsistenti tal-miżuri nazzjonali. L-ebda miżura restrittiva nazzjonali ma tista' tipprevjeni jew tiskoraġġixxi l-parteċipazzjoni ta' kumpaniji stabbiliti fit-territorju nazzjonali fil-proċeduri ta' akkwist konġunti fil-livell tal-UE.

Xi Stati Membri diġà adottaw jew qed iħejju miżuri nazzjonali li jaffettwaw id-disponibbiltà tal-prodotti essenzjali. Jekk ma jkunux imfasslin tajjeb, tali miżuri għandhom riskju li jiggravaw minflok itaffu l-problemi, b'mod partikolari jekk jiffukaw fuq li jillimitaw il-provvisti transfruntiera tal-prodotti inkwistjoni minflok jiddirezzjonawhom lil dawk li l-aktar jeħtiġuhom, kemm fit-territorju nazzjonali, kif ukoll fl-Ewropa, filwaqt li jevitaw l-akkumulazzjoni, ix-xiri ta' paniku u l-ħela permezz ta' użi mhux prijoritarji jew saħansitra kontroproduttivi fl-Istat Membru inkwistjoni. Tali effetti negattivi aktarx ikunu aktar akuti meta r-restrizzjonijiet ikunu imposti mill-Istati Membri li jkollhom pożizzjoni ta' tmexxija jew ċentrali fis-suq fil-produzzjoni, l-importazzjoni u d-distribuzzjoni tat-tagħmir ta' protezzjoni personali u tal-apparat mediku. Id-deċiżjonijiet riċenti ta' xi Stati Membri li jipprojbixxu jew jirrestriġu ħafna l-esportazzjonijiet – f'każ partikolari li estenda għal 1 324 prodott, inkluż il-paracetamol u l-apparat mediku – jikkontribwixxu għar-riskju ta' skarsezzi fi Stati Membri oħrajn, u b'hekk jipperikolaw is-saħħa tan-nies li jgħixu fl-Ewropa, u jenħtieġ li jiġu kkoreġuti bħala kwistjoni ta' urġenza.

Il-Kummissjoni qed tfakkar hawn taħt id-dispożizzjonijiet legali rilevanti u l-għanijiet komuni li l-miżuri nazzjonali jridu jkunu indirizzati li jiksbu, sabiex mhux biss ikunu legali, iżda biex fuq kollox jappoġġaw l-Istati Membri kollha fl-isforzi tagħhom li jtaffu r-riskji u l-impatt tal-kriżi tal-virus COVID-19.

## 2. QAFAS LEGALI GĦALL-MIŻURI RESTRITTIVI NAZZJONALI

L-Artikolu 35 tat-TFUE jipprojbixxi r-restrizzjonijiet nazzjonali fuq l-esportazzjonijiet. L-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri ġġustifikati mill- "protezzjoni tas-saħħa u l-ħajja ta' persuni jew ta' annimali", skont l-Artikolu 36. Dawn il-miżuri individwali jenħtieġ li jimxu mal-prinċipju tal-proporzjonalità, jiġifieri jridu jkunu xierqa, neċessarji u proporzjonati biex jilħqu tali għan, billi jiżguraw provvista adegwata lill-persuni l-aktar fil-bżonn filwaqt li jipprevjenu kull okkorrenza jew aggravar ta' skarsezzi ta' prodotti meqjusa bħala essenzjali – bħat-tagħmir ta' protezzjoni personali, apparat mediku jew prodotti mediċinali – madwar l-UE. Dan ifisser b'mod partikolari li:

1. Projbizzjoni sempliċi fuq l-esportazzjoni waħedha ma tistax tissodisfa r-rekwiżit legali tal-proporzjonalità. Tali miżura, fiha nfisha, ma tiżgurax li l-prodotti se jilħqu n-nies li l-aktar għandhom bżonnhom. Għalhekk din ma tkunx xierqa biex jintlaħaq l-objettiv li tiġi protetta s-saħħa tan-nies li jgħixu fl-Ewropa. Pereżempju, projbizzjoni tal-esportazzjoni ma tevitax li nies li jew ma għandhomx ħtieġa oġġettiva jew inkella għandhom ftit biss li jakkumulaw jew jixtru l-prodotti, u ma tiżgurax li l-prodotti essenzjali jaslu fejn huma l-aktar meħtieġa, jiġifieri persuni infettati jew istituzzjonijiet u ħaddiema tas-saħħa.

2. Miżuri mingħajr skop identifikat ċar ristrett għall-ħtiġijiet reali, raġuni soda u/jew durata limitata jistgħu jżidu r-riskju tal-iskarsezza u għalhekk huwa probabbli ħafna li jkunu sproporzjonati.
3. Miżuri li jirregolaw is-swieq konċernati b'mekkaniżmi adegwati biex jiddirieġu l-prodotti essenzjali fejn huma meħtieġa l-aktar kemm fi ħdan l-Istati Membri nfushom kif ukoll lil xerrejja kkwalifikati fi Stati Membri oħrajn, jistgħu jkunu kontribuzzjoni pożittiva għall-approċċ koordinat ġenerali Ewropew biex jiġu salvati l-ħajjiet.
4. Ir-regolazzjoni tal-prezzijiet jista' jkun utli biex jiġu evitati prezzijiet dejjem ogħla jew abbużivi, dment li dawn ir-regoli japplikaw bl-istess mod lin-negozjanti kollha mingħajr diskriminazzjoni fuq il-bażi tan-nazzjonalità jew l-istabbiliment, u dment li jkunu akkumpanjati minn miżuri xierqa oħra biex il-provvisti jaslu għand dawk l-aktar fil-bżonn.

**ANNESS 3 – GĦAJNUNA MILL-ISTAT**

**Għajnuna lil kumpaniji li qed jaffaċċaw ħtiġijiet ta' likwidità akuti u/jew falliment minħabba tifqigħa tal-COVID-19**

Skont ir-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat, jiġifieri l-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar tal-Kummissjoni bbażati fuq l-Artikolu 107(3)(c) TFUE, l-Istati Membri huma kapaċi jagħtu għajnuna urġenti u temporanja fil-forma ta' garanziji għal self jew self lil kull ta' tip ta' kumpanija f'diffikultà. Tali għajnuna tkun tkopri l-ħtiġijiet tal-operat tal-kumpaniji għal perjodu ta' sitt (6) xhur.

Barra minn hekk, kumpaniji li (għadhom) mhumiex f'diffikultà wkoll jistgħu jirċievu tali appoġġ, jekk ikunu qed jaffaċċaw ħtiġijiet ta' likwidità akuti minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali u imprevisti bħat-tifqigħa tal-COVID-19, f'konformità mal-kundizzjonijiet rilevanti, b'mod partikolari fir-rigward tal-livell ta' rimunerazzjoni li l-benefiċjarju huwa rikjest iħallas għall-garanzija jew is-self tal-gvern.

Ġeneralment, kumpaniji li diġà rċevew tali appoġġ fl-aħħar 10 snin ma jkunux eliġibbli għal aktar għajnuna, biex b'hekk jiġi evitat li kumpaniji li mhumiex ekonomikament vijabbli jinżammu fis-suq artifiċjalment (il-prinċipju "darba u tal-aħħar"). Madankollu, il-Kummissjoni hija **disposta** li taċċetta eċċezzjonijiet għal dik ir-regola f'ċirkostanzi eċċezzjonali u imprevisti bħat-tifqigħa tal-COVID-19, wara notifika individwali.

Barra minn hekk, il-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar jippermettu lill-Istati Membri jwaqqfu skemi ta' appoġġ dedikati għall-SMEs u għal kumpaniji żgħar tal-Istat, inkluż biex ikopru l-ħtiġijiet tal-likwidità akuti għal perjodu sa 18-il xahar. Pereżempju, fi Frar 2019, il-Kummissjoni approvat skema ta' appoġġ ta' EUR 400 miljun fl-Irlanda[2] biex tkopri l-ħtiġijiet akuti ta' likwidità u ta' salvataġġ u ristrutturar tal-SMEs bħala miżura ta' tħejjija għall-Brexit. L-awtoritajiet Irlandiżi issa qed jużaw din il-miżura biex jgħinu lill-kumpaniji jkampaw mat-tifqigħa tal-COVID-19. Skemi ta' appoġġ simili diġà ġew stabbiliti fi Stati Membri oħrajn, b'mod partikolari l-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Polonja u s-Slovenja, u għal ċerti reġjuni fl-Awstrija, fil-Belġju u fi Spanja. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni hija disposta li tassisti lil Stati Membri oħrajn biex jistabbilixxu skemi simili malajr.. Jekk l-Istati Membri jixtiequ jżidu l-baġit tal-iskemi approvati fid-dawl tat-tifqigħa tal-COVID-19, żieda ta' inqas minn 20 % ta' baġit ma hemmx bżonn li tiġi notifikata u tista' ssir direttament mill-Istati Membri, mingħajr involviment ulterjuri tal-Kummissjoni. In-notifiki ta' żidiet baġitarji ta' aktar minn 20 % jibbenefikaw minn proċedura ta' valutazzjoni simplifikata.

**Għajnuna biex tikkumpensa lill-kumpaniji għal danni mġarrba b'riżultat tat-tifqigħa COVID-19**

L-Artikolu 107)2(b) TFUE jippermetti lill-Kummissjoni tapprova l-għajnuna mill-Istat mill-Istati Membri biex jagħmlu tajjeb għad-danni kkawżati minn diżastri naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali.

Biex jikkwalifika bħala okkorrenza eċċezzjonali, avveniment irid (i) ikun imprevedibbli jew diffiċli li jiġi previst; (ii) ta' skala jew b'impatt ekonomiku sinifikanti; u (iii) straordinarju, jiġifieri jkun differenti ħafna mill-kundizzjonijiet li bihom is-soltu jopera s-suq. Il-Kummissjoni tqis li t-tifqigħa tal-COVID-19 tikkwalifika bħala okkorrenza eċċezzjonali minn dawn fl-UE.

[2] SA.53350 (2019/N) – Ireland – Budget increase of R&R aid scheme (SA.49040 as amended to cover temporary restructuring support by SA. 50651)

Il-miżuri skont l-Artikolu 107(2)(b) TFUE jistgħu jiġu mmirati biex jassistu lil setturi speċifiċi, fil-forma ta' skemi, jew lil kumpaniji individwali. Għalhekk, din il-possibbiltà tista' tkun utli biex l-Istati Membri jfasslu skemi għal kull tip ta' kumpaniji li ntlaqtu b'mod partikolarment ħażin (pereżempju l-avjazzjoni, it-turiżmu u l-ospitalità), jew jagħtu appoġġ individwali lil kumpaniji speċifiċi.

L-Istati Membri jistgħu jieħdu mill-esperjenzi tal-passat u l-prattika tal-każijiet biex ifasslu tali skemi. Pereżempju, fil-kuntest tal-attakki tal-11 ta' Settembru, il-Kummissjoni kienet approvat skemi ta' appoġġ fi Franza u l-Ġermanja abbażi tal-Artikolu 107(2)(b) biex tkopri t-telf operatorju mġarrab mil-linji tal-ajru fil-perjodu bejn il-11 u l-14 ta' Settembru 2001, b'rabta mal-għeluq tal-ispazju tal-ajru b'riżultat tal-attakki[3]. Barra minn hekk, fil-kuntest tal-iżbroff tal-vulkan fl-Iżlanda u s-sħaba ta' trab f'April 2010, il-Kummissjoni appoġġat skema ta' appoġġ fis-Slovenja biex tkopri 60% tat-telf ekonomiku tal-linji tal-ajru u l-ajruporti (b'paragun ma' sitwazzjoni li fha d-diżastru ma jkunx seħħ) fil-perjodu wara d-diżastru, sa ma l-kumpaniji setgħu jerġgħu joperaw normalment[4].

L-Artikolu 107(2)(b) TFUE jippermetti wkoll lill-Istati Membri jikkumpensaw lill-organizzaturi ta' attivitajiet, jekk attivitajiet bħal kunċerti, festivals, kompetizzjonijiet sportivi, jew fieri kulturali jew kummerċjali jitħassru b'konsegwenza diretta ta' okkorrenza eċċezzjonali fit-territorju tagħhom. Fl-10 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika mid-Danimarka (l-ewwel, u s'issa l-unika, notifika dwar l-għajnuna mill-Istat marbuta mat-tifqigħa tal-COVID-19) dwar skema biex jiġu kkumpensati l-organizzaturi tal-attivitajiet b'aktar minn 1 000 parteċipant li kellhom jitħassru minħabba t-tifqigħa tal-COVID-19. Il-Kummissjoni ħadet deċiżjoni li tapprova din il-miżura fi żmien 24 siegħa li rċeviet in-notifika mid-Danimarka. Hija lesta li tipprovdi assistenza abbażi ta' dan il-mudell lil Stati Membri oħrajn li jixtiequ jimplimentaw miżuri simili.

Għall-miżuri kollha li jittieħdu skont l-Artikolu 107(2)(b) TFUE, irid ikun hemm rabta ta' kawżalità diretta bejn l-għajnuna mogħtija u d-dannu li jirriżulta mill-okkorrenza eċċezzjonali għal kull benefiċjarju, u kull għajnuna trid tkun limitata għal dak li huwa neċessarju biex jagħmel tajjeb għad-dannu. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni hija disposta li taħdem mal-Istati Membri biex jinstabu soluzzjonijiet fattibbli, inkluż pereżempju l-użu ta' indikaturi biex jiddeterminaw it-telf ekonomiku, f'konformità mar-regoli tal-UE.

[3] SA 269/2002 – Germany – Compensation for direct damage caused by the closure of external airspace for the period 11 to 14 September 2001; SA 309/2002 – France – Sûreté aérienne - compensation des coûts à la suite des attentats du 11 septembre 2001.

[4] SA.32163 – Slovenia – Rectification of consequences of the damage caused to air carriers and airports by earthquake activity in Iceland and the resulting volcano ash in April 2010.